2026/2358

23.10.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2358

tal-21 ta' Awwissu 2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 ([2]) jistabbilixxi r-regoli dwar il-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa msemmija fil-Parti VIII, il-punti minn 1 sa 6, tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Il-valuri ta' limitu għall-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 jirriflettu l-istandard kummerċjali għaż-żejt taż-żebbuġa u għaż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) ([3]) ("l-Istandard Kummerċjali tal-IOC").

(3) Fil-119-il sessjoni tiegħu li saret fil-25 ta' Ġunju 2024, l-IOC adotta d-Deċiżjoni DEC-III.2/119-VI/2024 li tirrieżamina d-dokument COI/T.20/DOC. NO. 15/REV. 11 – il-metodu għall-valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebbuġa verġni fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' ċerti karatteristiċi organolettiċi. L-Unjoni vvotat favur dik l-emenda, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2911 ([4]).

(4) Fil-121 sessjoni tiegħu tal-IOC li saret fit-8 ta' Lulju 2025, l-IOC adotta d-Deċiżjoni DEC-III.1/121-VI/2025 li temenda l-Istandard Kummerċjali tal-IOC fir-rigward tal-kontenut totali tal-isterol fiż-żjut taż-żebbuġa monovarjetali mill-varjetà Koroneiki jew min-Nocellara del Belice. L-Unjoni vvotat favur din l-emenda, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1213 ([5]).

(5) Kien hemm żieda fl-għadd ta' żjut taż-żebbuġa ekstra verġni monovarjetali introdotti fis-suq li żdiedet bħala riżultat ta' bidliet fil-prattiki tal-produzzjoni u fil-preferenzi tal-konsumaturi. Għalkemm dawn iż-żjut huma awtentiċi u ta' kwalità għolja, xi wħud ma jissodisfawx il-limitu meħtieġ għall-kontenut totali tal-isterol li huwa influwenzat l-aktar mill-varjetà taż-żebbuġ, kif ukoll minn fatturi oħra bħall-grad ta' sajran taż-żebbuġ, iż-żona ġeografika u l-irrigazzjoni.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 tad-29 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 (ĠU L 284, 4.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2104/oj).

([3]) https://www.internationaloliveoil.org/what-we-do/chemistry-standardisation-unit/standards-and-methods/.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2911 tal-5 ta' Novembru 2024 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward ta' metodu wieħed ta' analiżi u tal-istandard kummerċjali tal-IOC għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ (ĠU L, 2024/2911, 19.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2911/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1213 tat-12 ta' Ġunju 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC, International Olive Council) fir-rigward tal-istandard kummerċjali għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ (ĠU L, 2025/1213, 19.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1213/oj).

(6) L-IOC bħalissa qed iwettaq studju dwar il-kontenut totali tal-isterol fiż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni. Filwaqt li dan l-istudju għadu għaddej, il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ ipprovda bħala soluzzjoni intermedja billi adotta emenda għall-Istandard Kummerċjali tal-IOC, li tnaqqas il-limitu tal-isterol totali fiż-żjut taż-żebbuġa ekstra verġni għaż-żewġ varjetajiet l-aktar ikkonċernati, Koroneiki u Nocellara del Belice. Dik l-emenda tippermetti lill-produtturi jqiegħdu dawk iż-żjut ta' varjetà waħda fis-suq. Peress li se japplika limitu differenti għal dawn il-varjetajiet, huwa importanti li kemm il-konsumaturi kif ukoll l-awtoritajiet ta' kontroll ikunu jistgħu jidentifikaw faċilment li żejt taż-żebbuġa speċifiku huwa żejt taż-żebbuġa monovarjetali ta' waħda minn dawn iż-żewġ varjetajiet.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-aktar standard internazzjonali reċenti stabbilit mill-IOC dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi u l-valur ta' limitu għall-parametru tal-kontenut totali tal-isterol fiż-żjut taż-żebbuġa monovarjetali mill-varjetà Koroneiki jew min-Nocellara del Belice, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 jiġi emendat kif xieraq biex jirrifletti dik l-implimentazzjoni.

(8) Peress li ż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni monovarjetali kopert b'din id-deroga bħalissa ma jistax jiġi introdott fis-suq taħt l-ebda kategorija taż-żejt taż-żebbuġa, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-emenda tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament mingħajr dewmien. Is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni l-ġdida għaż-żejt taż-żebbuġa tibda mill-1 ta' Ottubru 2026, għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*

Varjetà

It-tikkettar taż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni magħmul biss mill-varjetà Koroneiki jew Nocellara del Belice għandu jindika dik il-varjetà fuq it-tikketta, fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament u kwalunkwe tikkettar ieħor."

(2) l-Anness I huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"*ANNESS I*

KARATTERISTIĊI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

A. **Karatteristiċi tal-kwalità**

	Kategorija	Aċidità (%)(*)	Valur tal-perossidu (mEq O_2/kg)	K_{232}	K_{268} jew K_{270}	ΔK	Karatteristiċi organolettiċi		Esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin (f'mg/kg)
							Valur medjan tad-difetti (Md)(*) ([1])	Valur medjan tat-togħma ta' frott (Mf) ([2])	
1.	Żejt taż-żebbuġa ekstra verġni	≤ 0,80	≤ 20,0	≤ 2,50	≤ 0,22	≤ 0,01	Md = 0,0	Mf > 0,0	≤ 35
2.	Żejt taż-żebbuġa verġni	≤ 2,0	≤ 20,0	≤ 2,60	≤ 0,25	≤ 0,01	Md ≤ 3,5	Mf > 0,0	—
3.	Żejt taż-żebbuġa lampante	> 2,0	—	—	—	—	Md > 3,5 ([3])	—	—
4.	Żejt taż-żebbuġa raffinat	≤ 0,30	≤ 5,0	—	≤ 1,25	≤ 0,16		—	—
5.	Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni	≤ 1,00	≤ 15,0	—	≤ 1,15	≤ 0,15		—	—
6.	Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	—	—	—	—	—		—	—
7.	Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,30	≤ 5,0	—	≤ 2,00	≤ 0,20		—	—
8.	Żejt mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 1,00	≤ 15,0	—	≤ 1,70	≤ 0,18		—	—

([1]) Il-valur medjan tad-difetti huwa ddefinit bħala l-valur medjan tad-difetti nnutat bl-akbar intensità.
([2]) Fuq talba, u skont l-attributi pożittivi medjani taż-żjut li jkunu ġew ivvalutati, il-kap tal-bord jista' jiċċertifika dawk l-attributi skont l-espressjonijiet deskritti fl-Anness II.
([3]) Il-valur medjan tad-difetti jista' jkun ta' 3,5 jew inqas meta l-medjan tat-togħma ta' frott ikun 0,0.

B. **Karatteristiċi tal-purità**

Kategorija	Kompożizzjoni tal-aċidu grass (1)						Total ta' isomeri transolejċi (%)	Total ta' isomeri translinolejċi+translinoleniċi (%)	Stigmasta-dienes (f'mg/kg) (3)	ΔECN42	2-gliċeril monopalmitat (%)
	Miristiku (%)	Linoleniku (%)	Arakidiku (%)	Ejkosenojku (%)	Beeniku (%)	Linjoċeriku (%)					
1. Żejt taż-żebbuġa ekstra verġni	≤ 0,03	≤ 1,00 (2)	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,05	≤ 0,05	≤ 0,05	≤ |0,20|	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,0 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
2. Żejt taż-żebbuġa verġni	≤ 0,03	≤ 1,00 (2)	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,05	≤ 0,05	≤ 0,05	≤ |0,20|	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,0 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
3. Żejt taż-żebbuġa lampante	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,10	≤ 0,10	≤ 0,50	≤ |0,30|	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,1 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
4. Żejt taż-żebbuġa raffinat	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,30	—	≤|0,30|	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,1 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,30	—	≤ |0,30|	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,0 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %

Kategorija	Kompożizzjoni tal-aċidu grass (1)						Total ta' isomeri transolejċi	Total ta' isomeri translinolejċi+translinoleniċi	Stigmasta-dienes (f'mg/kg) (3)	ΔECN42	2-gliċeril monopalmitat
	Miristiku (%)	Linoleniku (%)	Arakidiku (%)	Ejkosenojku (%)	Beeniku (%)	Linjoċeriku (%)	(%)	(%)			(%)
6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,30	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,10	—	≤ |0,60|	≤ 1,4
7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,30	≤ 0,20	≤ 0,40	≤ 0,35	—	≤ |0,50|	≤ 1,4
8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,30	≤ 0,20	≤ 0,40	≤ 0,35	—	≤ |0,50|	≤ 1,2

(1) Kontenut ta' aċidi grassi oħrajn (%): palmitiku: 7,00 sa 20,00; palmitolejku: 0,30 sa 3,50; ettadekanojku: ≤ 0,40; ettadekanojku ≤ 0,60; steariku: 0,50 sa 5,00; olejku: 55,00 sa 85,00; linolejku: 2,50 sa 21,00.
(2) Meta l-aċidu linoleniku jkun aktar minn 1,00 iżda 1,40 jew inqas, il-proporzjon β-sitosterol/kampesterol evidenti għandu jkun 24 jew aktar.
(3) It-total tal-isomeri li setgħu (jew li ma setgħux) jiġu separati permezz tal-kolonna kapillari.

Tabella B (tkompli)

Kategorija	Kompożizzjoni tal-isteroli						Total tal-isteroli (f'mg/kg)	Eritrodijol u uvaol (%)(**)	Xama' (f'mg/kg)(**)
	Kole- sterol (%)	Brassika -sterol (%)	Kampesterol (%)	Stigmasterol (%)	β–sitosterol evidenti (2)(%)	Δ-7-stigma-stenol (%)			
1. Żejt taż-żebbuġa ekstra verġni	≤ 0,5	≤ 0,1	≤ 4,0 (1)	< Kamp.	≥ 93,0	≤ 0,5 (3)	≥ 1 000 (10)	≤ 4,5	C42 + C44 + C46 ≤ 150
2. Żejt taż-żebbuġa verġni	≤ 0,5	≤ 0,1	≤ 4,0 (1)	< Kamp.	≥ 93,0	≤ 0,5 (3)	≥ 1 000	≤ 4,5	C42 + C44 + C46 ≤ 150
3. Żejt taż-żebbuġa lampante	≤ 0,5	≤ 0,1	≤ 4,0	—	≥ 93,0	≤ 0,5 (1)	≥ 1 000	≤ 4,5 (7)	C40 + C42 + C44 + C46 ≤ 300 (7)
4. Żejt taż-żebbuġa raffinat	≤ 0,5	≤ 0,1	≤ 4,0	< Kamp.	≥ 93,0	≤ 0,5 (5)	≥ 1 000	≤ 4,5 (8)	C40 + C42 + C44 + C46 ≤ 350

Kategorija	Kompożizzjoni tal-isteroli						Total tal-isteroli (f'mg/kg)	Eritrodijol u uvaol (%)[**]	Xama' (f'mg/kg)[**]
	Kole- sterol (%)	Brassika -sterol (%)	Kampesterol (%)	Stigmasterol (%)	β–sitosterol evidenti [2](%)	Δ-7-stigma-stenol (%)			
5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni	≤ 0,5	≤ 0,1	≤ 4,0	< Kamp.	≥ 93,0	≤ 0,5 [5]	≥ 1 000	≤ 4,5	C40 + C42 + C44 + C46 ≤ 350
6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,5	≤ 0,2	≤ 4,0	—	≥ 93,0	≤ 0,5 [6]	≥ 2 500	> 4,5 [9]	C40 + C42 + C44 + C46 > 350 [9]
7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,5	≤ 0,2	≤ 4,0	< Kamp.	≥ 93,0	≤ 0,5 [6]	≥ 1 800	> 4,5	C40 + C42 + C44 + C46 > 350
8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,5	≤ 0,2	≤ 4,0	< Kamp.	≥ 93,0	≤ 0,5 [6]	≥ 1 600	> 4,5	C40 + C42 + C44 + C46 > 350

([1]) Żejt taż-żebbuġa ekstra verġni jew żejt taż-żebbuġa verġni li juri 4,0 < kampesterol % ≤ 4,5 huwa awtentiku dment li l-istigmasterol ikun ≤ 1,4 %, id-Δ-7-stigmastenol ikun ≤ 0,3 % u l-parametri l-oħra kollha jkunu fil-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([2]) β-sitosterol evidenti: Δ-5,23-stigmastadijenol+klerosterol+ β-sitosterol+sitostanol+ Δ-5-avenasterol+ Δ-5,24-stigmastadijenol.

([3]) Żejt taż-żebbuġa ekstra verġni jew żejt taż-żebbuġa verġni li juri 0,5 < Δ-7-stigmastenol % ≤ 0,8 huwa awtentiku dment li l-β-sitosterol/kampesterol evidenti jkun ≥ 28, ΔECN42 ikun ≤|0,10|u l-parametri l-oħra kollha jkunu fil-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([4]) Żejt taż-żebbuġa lampante li juri 0,5 < Δ-7-stigmastenol % ≤ 0,8 huwa awtentiku dment li l-β-sitosterol/kamesterol evidenti jkun ≥ 28, id-ΔECN42 ikun ≤|0,15|, l-istigmastadeina jkun ≤ 0,30 u l-parametri l-oħra kollha jkunu fil-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([5]) Żejt taż-żebbuġa raffinat jew żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni li juri 0,5 < Δ-7-stigmastenol % ≤ 0,8 huwa awtentiku dment li l-β-sitosterol/kampesterol evidenti jkun ≥ 28, id-ΔECN42 ikun ≤|0,15| u l-parametri l-oħra kollha jkunu fil-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([6]) Iż-żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ jew iż-żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ jew iż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ li juri 0,5 < Δ-7-stigmastenol % ≤ 0,8 huwa awtentiku dment li l-istigmasterol ikun ≤ 1,4 %, id-ΔECN42 ikun ≤|0,40| u l-parametri l-oħra kollha jkunu fil-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([7]) Iż-żjut li jkollhom bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg ta' xama' jitqiesu bħala żjut taż-żebbuġa lampante jekk il-kontenut totali ta' alkoħol alifatiku jkun ta' 350 mg/kg jew inqas jew jekk il-kontenut tagħhom ta' eritrodijol u uvaol ikun ta' 3,5 % jew inqas.

([8]) Żjut li jkollhom kontenut ta' eritrodijol u uvaol ta' bejn 4,5 u 6 % irid ikollhom kontenut ta' eritrodijol ta' 75 mg/kg jew inqas.

([9]) Iż-żjut li jkollhom kontenut ta' xama' bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg jitqiesu bħala żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ jekk il-kontenut totali ta' alkoħol alifatiku jkun ta' aktar minn 350 mg/kg u jekk il-kontenut ta' eritrodijol u uvaol ikun ta' aktar minn 3,5 %.

([10]) ≥ 800 mg/kg għaż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni monovarjetali mill-varjetà Koroneiki jew mill-varjetà Nocellara del Belice.

Noti:

(a) Ir-riżultati tal-analiżijiet iridu jingħataw bl-istess għadd ta' ċifri wara l-punt deċimali bħal dak użat għal kull karatteristika. L-aħħar ċifra trid tiżdied b'unità waħda jekk iċ-ċifra ta' warajha tkun ta' iktar minn 4.

(b) Jekk karatteristika waħda biss ma tkunx konformi mal-valuri ddikjarati, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tinbidel il-kategorija ta' żejt jew iż-żejt għandu jiġi ddikjarat bħala mhux konformi.

(c) Għaż-żejt taż-żebbuġa lampante, iż-żewġ karatteristiċi tal-kwalità mmarkati b'asterisk '(*)' jistgħu jvarjaw b'mod simultanju mil-limiti stabbiliti għal dik il-kategorija.

(d) Jekk karatteristika tkun immarkata b'żewġ asterisks '(**)', dan ifisser li għaż-żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ, huwa possibbli li ż-żewġ limiti rilevanti jkunu differenti mill-valuri ddikjarati fl-istess ħin. Għaż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ u għaż-żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ, wieħed mil-limiti rilevanti jista' jkun differenti mill-valuri ddikjarati."